

Brussell, 25 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14263/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0419(NLE)**

**FISC 186
ECOFIN 1110
N 84**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 16014/23 + ADD 1
Suġġett:	Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud - <i>Adozzjoni</i>

1. Fl-24 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill¹ dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, rispettivament, ta' ftehim li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-Ftehim").
2. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet adottata mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-20 ta' Frar 2024².
3. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar l-opinjoni tiegħu rigward id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-10 ta' April 2024³.

¹ 16013/23 + ADD 1, 16014/23 + ADD 1.

² Id-Deċiżjoni (UE) 2024/767 tal-20 ta' Frar 2024 dwar l-iffirmar fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L, 2024/767, 28.2.2024).

4. Sussegwentement, il-Ftehim⁴ ġie ffirmat fit-2 ta' Ottubru 2024.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta, f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, din id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dok. 16401/23.

³ Ir-Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2023)0736 – C9-0007/2024 – 2023/0419(NLE)).

⁴ 16404/23.